MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 994/2009

**Avv. Josette Grech bhala**
**mandatarja specjali tas-socjeta estera Luhns GmbH**
**ta' Reckenfelder Straße 60, 48268, Greven, Germanja**

**vs**

**Waipuna Systems Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat tal-attrici nomine ipprezentat fid-19 ta' Ottubru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

ILLI s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha merkanzija u dana kif

jirrizulta minn erbgha (4) fatturi rilaxxati mis-socjeta attrici numri 9034157, 90346051, 90343729 u 90363716 (hawn annessi u markati Dokument A1 sa A4);

ILLI l-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal erbghin elf erba mija u sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€40,427.72);

ILLI minkejja li s-socjeta attrici interpellat lis-socjeta konvenuta diversi drabi biex teffetwa l-hlas tal-imsemmija fatturi, inkluz b'ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu 2008 (Dokument A5), is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

ILLI dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti u ghalhekk jezistu l-elementi tal-procedura sommarja a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq esposti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija erbghin elf erbgha mija u sebgha u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€40,427.72);

Bl-ispejjez legali inkluz bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu 2008 u bl-imghax kummercjali mid-dati tal-fatturi msemmija, kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici nomine u d-dokumenti l-ohra;

Rat li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Semghet lil Dr Josette Grech, ghas-socjeta' estera attrici, tiddikjara illi minn dakinhar illi gie ipprezentat ir-rikors guramentat promotur sal-lum is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallset xejn lis-socjeta' estera attrici.

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici nomine kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erbghin elf erbgha mija u sebgha u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€40,427.72); bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------